# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Sitta (6) ta' Marzu 2023**

**Rikors Numru 1197/2022 FDP**

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru. **1727/2022**, fl-ismijiet:

**L-Avukat Ryan Falzon [K.I. Nru. 247586(M)] bħala mandatarju speċjali ta' Cantieri Edili SRL soċjetà rreġistrata fl-Italja bin-numru ta' reġistrazzjoni 02426990848**

*vs*

**Grixti Properties Limited**
**[C-31313]**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 20 ta' Diċembru 2022, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti Grixti Properties Limited, filwaqt illi għamlet referenza għall-Mandat ta' Sekwestru 1727 tas-sena 2002 intavolat kontriha fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-import ta' €255,000 fejn il-mandatarju speċjali Dr Ryan Falzon indika l-ammont kkawtelat bħala "*in kawtela ta' ammont dovut ... rappresentanti ħlasijiet dovuti għal kirjiet ta' makkinarju u mobbli oħra*", talab lill-Qorti sabiex:

   1. *tirrevoka konsegwentement il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1729/22 fl-ismijiet premessi b'mod sħiħ jew parzjali, u dan ai termini tal-artikolu 836 (1) (d), u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   2. *tikkundanna, għar-raġunijiet mogħtija mill-artikolu 836 (8) (d) tal-istess Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, lis-soċjetà sekwestranti sabiex tħallas il-penali sal-massimu maħsub mil-liġi;*

2. Rat ir-risposta ta' Dr Ryan Falzon nomine ippreżentata fil-11 ta' Jannar 2023 fejn talab lill-Qorti sabiex, "*prevja kwalsiasi provvedimenti oħrajn, tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' sekwestrata fl-intjier tagħhom, bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' sekwestrata*".

3. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fl-24 ta' Frar 2023, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita għad-digriet finali.

**Ikkunsidrat**

4. Jirriżulta, minn dak indikat mill-abbli difensuri tal-partijiet, kemm fl-atti minnhom redatti kif ukoll mit-trattazzjoni tagħhom, illi s-soċjeta' estera Cantieri Edili SRL, rappreżentata minn Dr Ryan Falzon, intavolat kawża kontra s-soċjeta' rikorrenti odjerna, ossija Grixti Properties Limited, Rikors Ġuramentat Nru 1227/2022, illi qiegħda tinstema' quddiem dina l-Qorti kif komposta u tinsab differita għall-15 ta' Mejju 2023 għall-preżentata tal-eċċezzjonijiet ta' l-istess soċjeta' rikorrenti odjerna Grixti Properties Limited.

5. Jirriżulta illi, fir-raġunijet mogħtija mis-soċjeta' rikorrenti għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru, s-soċjeta' rikorrenti odjerna, Grixti Properties Limited, semmiet illi ma jeżisti ebda skrittura ta' kera bejn il-partijiet u għalhekk ma teżisti ebda bażi legali, lanqas fuq stħarriġ 'prima facie', għal ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru.

6. Jirriżulta, madanakollu, illi l-meritu tal-każ bejn il-partijiet huwa ġia qed jiġi diskuss u kkontestat quddiem din il-Qorti stess fil-kawża fuq imsemmija, fejn is-soċjeta' rikorrenti odjerna għad trid tippreżenta l-eċċezzjonijiet tagħha.

7. Tosserva illi, kif sewwa qalet il-Qorti fil-proċeduri fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd** deċiż mill-Prim' Awla fit-28 ta' April 2015, f'proċeduri ta' dina n-natura,:

   *"...il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie.*

   *Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Camilleri vs Gové et****, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:*

   *"mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta'* ***prima facie*** (sottolinjar ta' dina l-Qorti*) u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

8. Tosserva ukoll li l-istess ġie rilevat fil-proċeduri **Gaetano Abdilla et vs Bianco Charles et,** fejn intqal is-segwenti:

   *"L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ*

> *li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide Vincent Mercieca vs George Galea, 29 ta' Novembru, 2011, u Technobroadcast srl vs Mediterrenean Broadcasting Limited, tal-5 ta' Ġunju, 2007)."*

9. Jidher ċar illi l-bażi tat-talba odjerna tas-soċjeta' rikorrenti Grixti Properties Limited hija d-difiża li l-istess soċjeta' rikorrenti ser tippreżenta quddiem dina l-Qorti stess, u għalhekk jidher ċar illi kwalsiasi konstatazzjonijiet illi jistgħu jsiru f'dana l-istadju, ma humiex prettament fuq bażi *prima facie*, iżda huma bbażati fuq fatti li għandhom jirriżultaw biss waqt l-andament tal-kawża.

10. Jirriżulta, għalhekk, illi t-talba tas-soċjeta' rikorrenti, kif redatta, ma tistax tiġi akkolta favorevolment minn dina l-Qorti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti u d-dokumentazzjoni eżebita; u

Wara illi semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talba rikorrenti kif dedotta.

**Spejjeż** a kariku tar-rikorrent

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**